MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 79/2023-8

L-Erbgħa, 20 ta' Settembru 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fin-12.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

### 79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

79.1.1 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Viċi Sindku Sandra Grech u l-Kunsillier ~~Baskal Saliba ser jittardjaw.~~

### 79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

79.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat nru. 77/2023-8 u 78/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

79.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

79.2.3 Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex tiġi kkoreġuta minuta 77.4.3.3 mill-Minuti 77/2023-8 sabiex minflok 'n-nofs l-ieħor tħalliet torba' minflok tinkiteb 'wara twesset it-triq'. Rigward Minuti 78/2023-8 talab ukoll sabiex tiġi kkoreġuta minuta 78.3.1 fejn minflok 'l-marċ beda tard peress li damet ma ngħalqet it-triq' minflok tinkiteb 'it-triq ingħalqet fil-10.45am u l-marċ beda fil-11.30am'. Tiġi kkoreġuta minuti 78.4.4.3 u tiżdied 'Il-Kunsillier Nicky Saliba propona..'.Tiġi kkoreġuta minuta 78.7.13 u tiżdied 'pero l-Kunsillier Nicky Saliba propona li għandu jitħallas €500'. Il-membri qablu li jsiru dawn il-korrezzjonijiet.

79.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-mintuti nru 77/2023-8 u 78/2023-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

79.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini fakkret lil membri li l-Ħamis fil-għaxija ser jkun hawn fostna delegazzjoni minn Maletto (Sqallija). Proponiet u l-membri qablu li l-Kunsill jiltaqa' magħhom fit-22 ta' Settembru 2023 fil-10.30 ta' filgħodu. Il-membri qablu li jiġu mistiedna l-Arċipriet u s-Sur Joe Bajada għal *lunch* u *dinner*. Il-Kunsillier Daniel Cordina ġibed l-attenzjoni sabiex kultant nibdlu r-ristoranti li nkunu ser nieħdu xi delegazzjoni. Is-Sindku nfurmat lill-membri li f'Għawdex it-trasport ser

isir bil-vettura elettrika tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmat lil membri li d-delegazzjoni minn Maletto diġa stiednu lil membri tal-Kunsill sabiex iżuru Maletto.

*Il-Kunsillier Baskal Saliba skuża ruħu li wasal tard u daħal fil-kamra fis-12.50pm.*

79.3.2 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Arċipriet talab sabiex il-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni mal-Paroċċa għat-tberik tal-pets u s-satchels. Qablu wkoll li tingħata tifkira ta' l-okkażżjoni.

79.3.3 ~~Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li l-Arċipriet talab sabiex~~ jinxtraw żewġ pots kbar għal quddiem iċ-ċimiterju. Il-membri qablu.

79.3.4 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Arċipriet propona li ssir *I love Zebbug* fi ~~Ġnien iż-Żebbuġ mill-artist J. Cauchi. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona~~ li minflok issir ~~minn~~ artist miż-Żebbuġ M. Cassar. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona u l-membri qablu li s-siġar taż-żebbuġ jiżżejni bil-*fairy lights.* Is-Sindku nfurmatu li dawn huma fil-pjan li jsiru la jkun lest il-ġnien.

79.3.5 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li ġnien iż-żebbuġ kważi lest. Jonqos biss li jitħawlu l-pjanti u jitlesta l-*fence* ta' l-injam. Is-Sindku nfurmat lil membri li l-inawgurazzjoni ser issir fit-12 ta' Ottubru 2023 fejn ser jattendi l-President tar-Reġjun u l-Ministru għal Għawdex. Qalet ukoll li jiġu mistiedna studenti mill-iskola sabiex iħawlu siġra. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex jinħareġ avviż fuq facebook sabiex min irid imur jaqta' iż-żebbuġ. Il-membri qablu.

79.3.6 ~~Is-Sindku nfurmat lil membri li fil-librerija sar ir-rinovar meħtieġ.~~ Irringrazzjat lis-Seg. Eżekuttiv għat-tpinġija li għamlet mal-ħajt. Infurmat lil membri li waqt il-ħin ta' l-iskola ser ikun hemm librar mill-iskola. Infurmat lill-membri li l-inawgurazzjoni ser issir fl-10 ta' Novembru 2023 ~~fejn ser jattendi l-Ministru għal Għawdex u rappreżentanti mill-Malta~~ Libraries. Proponiet sabiex jinxtraw sett kotba bħala tifkira. Il-membri qablu. Infurmat ukoll lil membri li tfajla miż-Żebbuġ talbet il-permess tal-Kunsill sabiex tagħmel il-proġett tas-systems of knowledge mill-librerija. Il-membri qablu.

*Il-Viċi Sindku Sandra Grech skużat ruħha li waslet tard u daħlet fil-kamra fis-1pm.*

79.3.7 Is-Sindku nfurmat lil membri li ġiet infurmata mill-Perita li TM baqalhom issue fuq il-bollards u tabelli ta' 3 toroq – Triq Ulisse, Triq ir-Rabat u Triq San Ġużepp billi mhix żona pedonali. Infumat lil membri li qed isibu problema li jekk xi ħadd jipparkja u jreġġa lura jista jtajjar lil xi ħadd peress li t-toroq qegħdin għal fuq main road. Is-Sindku nfurmat lil membri li TM ssuġġerixxew li ssir laqgħa flimkien mal-pulizija sabiex jemendaw. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona sabiex il-parkeġġi jinżebgħu b'kuluri għar-residenti. Il-Viċi Sindku nfurmat lil membri li attendiet għal laqgħa fejn kienet proposta li r-residenti japplikaw għal parkeġġi riservati għalihom. Il-membri ma qablux ma din il-proposta.

79.3.8 Is-Sindku nfurmat lil membri saret laqgħa mis-CWS mal-ħaddiema tal-Kunsill fejn infurmawhom li jridu jżidu aktar xogħol u sabiex iżommu mal-ħinijiet.

79.3.9 Is-Sindku nfurmat lil membri li kif diġa ġie mitkellem qabel il-laqgħa mal-ħaddiem tal-Kunsill li jiġbor il-bulky. Iddikjarat li l-membri qablu li tinxtara l-part il-ġdida li tammonta għal €1,100 mingħajr VAT, dazju u delivery. Qablu wkoll li s-servizz ser ikompli jsir mit-truck personali tal-ħaddiem u l-Kunsill iġib il-permessi meħtieġa sabiex ikun jista' jidħol l-Wastserv u jiġi refunded għad-diesel.

79.3.10 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Kunsill ġie nnominat għal Gozo Business Awards u Gozo Environmental Awards 2023 għal (i) Green Local Council Initiative of the Year; (ii) Gozo's Green Council Award; (iii) Best Performing Local Council. Kompliet tgħid li l-Kunsill ser iħallas mejda ta' 4 u ser jingħata 2 b'xejn sabiex jkollu 6 siġġijiet b'kollox. Infurmathom li dan l-avveniment ser jsir il-Ħamis, 5 ta' Ottubru fis-7 ta' filgħaxija. Il-membri kollha qablu li ser jattendu.

## 79.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

79.4.1 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

79.4.1.2 Iddikjarat li hi ma taqbilx mar-residential parking f'Marsalforn bi ħlas. Is-Sindku nfurmata li din diġa ġiet diskussa fejn il-membri ma qablux.

79.4.1.3 Talbet li fuq proposta tar-residenti issir talba lil TM sabiex il-Bus Stop li hemm fi Triq il-Qbajjar titmexxa lejn Triq il-Forn sabiex ma jkunx hemm

konġestjoni tat-traffiku meta tieqaf il-karozza tal-linja. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li xorta jkun hemm konġestjoni. Il-membri ma qablux.

79.4.1.4 Infurmat lil membri li wara li jgħaddi ta' l-ischammel qed iħalli miżbla warajh. Proponiet sabiex wara jgħaddi kennies inaddaf jew jinkines mill-kuntrattur ta' l-ischammel. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-kuntrattur mhux fid-dover li jiġbor li jaqa' mill-boroz li jkunu tqettew. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-kuntrattur għandu jikkopera.

79.4.1.5 Talbet sabiex titwaħħal tabella fi Triq il-Qbajjar li tavża bl-iskeda tal-ġbir ta' ħġieġ u s-servizz tal-bulky. Il-membri qablu.

79.4.1.6 Talbet sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin f'Marsalforn. Il-membri qablu.

79.4.1.7 Talbet sabiex il-Kunsill jagħmel talba lil Animal Welfare biex jipprovdu l-ikel tal-qtates. Il-membri qablu.

79.4.1.8 Talbet sabiex tinżabar is-siġra li hemm fi Triq iż-Żebbuġ peress li qiegħda perikoluża għas-sewwieqa.

79.4.2 *Il-Kunsillier, Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

79.4.2.1 Propona u l-membri qablu li jiġu rrestawrati ż-żewġ kanuni li hemm fi Pjazza l-Assunta minn M. Vella.

79.4.2.2 ~~Talab sabiex jitneħħa miċ-chat tal-Permessi tal-Krejns f'Marsalforn.~~ Is-Sindku nfurmatu li jekk m'għadx għandu nteress jista' joħroġ miċ-chat.

79.4.2.3 Fakkar sabiex titranġa l-bankina ta' Triq id-Duluri u tinżebaħ il-kaxxa għal ~~persuni b'diżabilita~~'.

79.4.2.4 Fakkar sabiex titranġa l-kantuniera tal-bankina ta' Ħal Sagħtrija Complex. Il-membri qablu li jitqabbad P. Caruana peress li l-ħaddiem tal-Kunsill ma jafx jirranġha.

79.4.2.5 Rigward l-AED tal-Pjazza u x-Xwejni talab sabiex isiru korsijiet kif tintuża. Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Kunsill għandu lista' ta' infermiera miż-Żebbuġ u għalhekk qablu li tintbgħat email lil dawn għal min hu interessat li jagħti dawn il-korsijiet.

79.4.2.6 Rigward il-bandiera tal-funerali sabiex titranġa. Għandha terġa tingħata tfakkira lil G. Cassar.

79.4.2.7 Talab sabiex jiżdied il-vultaġġ ta' bozza fi Triq Dun Karm Cachia. Il-membri qablu.

79.4.2.8 Talab sabiex quddiem 13, Triq Madonna taċ-Ċiċċri jinżebaħ double yellow line quddiem l-entratura tad-dar peress li din il-persuna sikwit tiġi għaliha l-ambulanza u ma jkunux jistgħu joħorġuha. Is-Sindku nfurmathom li l-Kunsill għandu jġib l-approvazzjoni ta' TM qabel ma jinżebgħu xi linji ġodda. Il-membri qablu li l-ewwel jinżebaħ imbagħad il-Kunsill jitlob għal permess.

79.4.2.9 Talab sabiex jinbena ħajt tas-sejjiegħ f'Taċ-Ċaqra, liema ħajt jsir għoli ta' metru. Il-membri qablu li jsir bit-tender tal-ħitan tas-sejjiegħ.

79.4.2.10 Informa lil membri li hu jaqbel li Triq is-Sagħtrija ssir bit-tarmac għax bżonnjuża pero waqt laqgħa li attenda għaliha flimkien mal-Perit tal-Kunsill, qal li ġie nnotat li l-ħitan miżboqin il-barra u jixtieq li dawn jitranġaw qabel issir it-triq. Is-Sindku infurmatu li kif diġa ġie diskuss waqt il-laqgħa li saret fuq il-post, ħa jibda' jingħata t-tarmac ftit ftit u fejn hemm bżonn ser jinbidlu l-ħitan. Is-Sindku fakkritu li dawn huma fondi ta' l-EU u huma fondi għal kisi tat-triq biss. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li fil-parti taflija tat-triq issir sodda sew tal-konkos. Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa jekk il-parti ta' fuq hiex parti mill-proġett. Is-Sindku weġbitu fil-pożittiv.

79.4.3 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

79.4.3.1 Talab u l-membri qablu sabiex isir restawr taż-żewġ telephone boxes ta' żmien l-ingliżi minn A. Cini. Il-membri qablu.

79.4.3.2 Talab sabiex issir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq Għar Qawqla sabiex il-parkeġġ jitpoġġa n-naħħa tal-belvedere flok il-bini u dan sabiex jiżdied aktar il-parkeġġ. Is-Sindku staqsiet jekk imbagħad min għandu garaxx ikollux xi problema biex joħroġ mill-garaxx minħabba l-karozzi pparkjati faċċata. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li qabel issir site visit mill-Perit u wara ssir il-laqgħa mar-residenti jew tintbgħat ittra.

79.4.3.3 Informa lil membri li d-disabled parking bay li hemm Triq Għar Qawqla għandha bzonn tinżebaħ u titwaħħal tabella. Propona u l-membri qablu sabiex id-disabled parking bays li ma fihomx tabelli, ssirilhom tabella. Is-Sindku nfurmatu li fuq policy ta' TM, qabel ma jsir re-painting ta' disabled parking għandna nitolbu lil TM jekk dan il-parking huwiex skont il-liġi.

79.4.3.4 Proposta minn resident fi Triq il-Mitħna sabiex jitneħħa id-double yellow line li sar quddiem bank quddiem tagħha mingħajr il-kunsens tagħha. Wara diskussjoni, l-membri qablu li dan għandu jitneħħa.

79.4.3.5 Rigward Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri fejn inqala l-arblu ta' l-Enemalta, informa lil membri li issa din il-parti tat-triq tinsab bla dawl. Propona sabiex il-Kunsill iwaħħal arblu tad-dawl mill-aktar fis u titwaħħal bozza. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill diġa bgħat l-STL form sabiex teħel il-bozza ma l-arblu ġia eżistenti. Il-Kunsillier Cordina sostna li xorta ser ikun hemm nuqqas ta' dawl u għalhekk għandu jeħel l-arblu mill-aktar fis possibli u teħel bozza miegħu minflok l-arblu li twaħħal riċenti mill-Go plc. Il-membri qablu li jiġi nfurmat il-kuntrattur Richard Cauchi sabiex jagħmel it-trenching neċessarju wkoll.

79.4.3.6 Issir tfakkira lil Perit tal-Kunsill sabiex iħejji l-BOQ għal kisi ta' Triq il-Ponta.

79.4.3.7 Rigward it-talba għal bankina ġdida ta' M.Cini ta' Triq Mons De Piro propona sabiex il-Kunsill jitlob il-kurduna u l-madum mill-Ministeru għal Għawdex u ssir mill-ħaddiem tal-Kunsill. Il-membri qablu.

79.4.3.8 Rigward xogħolijiet ta' skavar u demoluzzjoni propona sabiex il-Kunsill jitlaqa' mal-BCA, TM u l-Awtoritajiet kompetenti sabiex Triq il-Qbajjar tiddaħħal mal-lista' fejn fis-Sajf ma jistax isir dawn it-tip ta' xogħlijiet. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li Marsalforn huwa kollu mnizzel fil-lista' fejn ma jistgħux isiru dawn ix-xogħlijiet inkluż anke ix-Xwejni.

79.4.3.9 Rigward it-tqassim ta' l-ikel tal-qtates propona u l-membri qablu li jekk l-Annimal Welfare ma jagħtux ikel, il-Kunsill jixtri l-ikel hu u jagħtih lil cat feeders.

79.4.3.10 Rigward Triq Għajn Mhelhel fejn il-ġebla tal-Munġitar talab sabiex issir pressjoni lil Ministeru għal Għawdex sabiex jitneħħa l-konkos li sar proviżorju u jsir ir-ristrutturar li hemm bżonn.

79.4.3.11 Propona u l-membri qablu li l-parkeġġ riservat għal iscooters ta' quddiem il-latrina ta' Marsalforn minflok jitpoġġa n-naħħa ta' Jessica's Delight man-naħħa tal-Wied sabiex il-Kunsill jigwadanja bejn 4 u 6 parkeġġi.

79.4.3.12 Rigward il-problema ta' skart f'Marsalforn. Hawn il-Kunsillier Nicky Saliba ddikjara kunflitt ta' nteress. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa lis-Sindku bħala rappreżentant fir-Reġjun Għawdex x'hareġ mill-laqgħat li jsiru u jekk qatt ir-Reġjun kellux xi risposta għad-diversi lmenti. Is-Sindku nfurmatu u fakkritu li l-Kunsill talab sabiex issir laqgħa mar-Reġjun pero' l-Kunsill qatt ma ngħata risposta. Infurmatu li r-Reġjun ma aċċettax li l-Kunsill jagħmel kollezzjoni extra. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li fiż-Żebbuġ ma hemmx problemi bħal Marsalforn u fakkar li fix-Xitwa xorta ser tibqa' din il-problema. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li fil-laqgħa li saret ma' l-ERA kull ma attendew minn Għawdex kienu tnejn biss. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li hi kienet tiela' pero beżgħet minħabba li kien il-maltemp.

79.4.3.13 Il-Kunsillier Cordina talab sabiex jitnaddaf il-Wied ta' Marsalforn bl-inġenji. Qal li l-aħħar li tnaddaf kien mill-ERA u sar bl-inġenji. Talab sabiex issir laqgħa ma' l-ERA rigward il-problema taż-żibel.

79.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

79.4.4.1 Propona u l-membri qablu sabiex titwaħħal CCTV fi Triq is-Sajjied li tkun imħaddma mill-LESA.

79.4.4.2 Talab sabiex isir tfakkira lil TM sabiex il-crash barriers issirilhom pjanċa n-naħħa t'isfel.

79.4.4.3 Staqsa x'ġara rigward Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmatu li għandu jiġi tal-coring sabiex il-Ministeru għal Għawdex ikun jista' jiddeċiedi t-triq 'il quddiem.

79.4.4.4 Talab sabiex titwaħħal mera tat-traffiku iktar l-isfel minn fejn twaħħlet fi Triq is-Sagħtrija peress li fejn twaħħlet mhux fil-post li talab.

79.4.4.5 Staqsa x'ġara fuq il-Batterija tal-Qbajjar. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hemm il-fondi lesti għar-restawr minn naħħa ta' Din l-Art Ħelwa u

propona li jsir post fuq facebook sabiex jgħaddi f'idejn il-Kunsill u Din l-Art Ħelwa.

79.4.4.6 Rigward il-grada li kellha titranġa fi Triq Għajn Mhelhel. Qal li l-Kunsill ta biżżejjed ċans sabiex titranġa u għalhekk propona u l-membri qablu li jitqabbad M. Vassallo biex jirranġha.

79.4.4.7 Propona u l-membri qablu sabiex fl-isqaq ta' Triq Għajn Mhelhel titwaħħal tabella 'dead slow'.

79.4.4.8 Informa lil membri li nofs il-Playing Field taż-Żebbuġ jinsab bla dawl. Is-Sindku nfurmatu li R. Cauchi kellu jmur jirranġah u infurmata kien hemm xi xort għax meta kien jinxtegħel il-festun tal-festa kien jintefa l-Playing Field.

79.4.4.9 Talab sabiex l-isqaq fi Triq Għajn Mhelhel qabel ma taqbad in-niżla jitnaddaf. Il-membri qablu.

79.4.4.10 Propona sabiex tibda' titla' karozza tal-linja lejn il-Ponta. Qal li tista' titla' minn fejn l-iskola u tibqa' nieżla lejn il-każin tal-Banda. Il-membri qablu li jibdew id-diskussjonijiet ma' Transport Malta.

79.4.4.11 Talab sabiex issir rampa tat-Triq is-Sagħtrija malli toħroġ lejn l-Għasri. Il-membri qablu li ssir minn J. Zammit.

79.4.4.12 Sabiex isir repainting tas-sinjali tat-traffiku quddiem Panorama Court fi Triq Għajn Mhelhel.

79.4.4.13 Rigward it-tranġar tal-latrina tal-Qbajjar Promenade l-membri qablu li l-ħaddiem tal-Kunsill jagħmel il-kisi u ż-żebgħa fejn hemm bżonn.

79.4.4.14 Rigward l-attivita' tal-Milied 'Natale Sul Colle' propona u l-membri qablu li ssir stall bil-prodotti tradizzjonali.

## 79.5 Attivitajiet

79.5.1 Is-Sindku infurmat lil membri li s-Salt Festival ser ikollu jsir fit-8 u 9 ta' Diċembru 2023 u dan minħabba problema fil-procurement. Proponiet li l-għada, 10 ta' Diċembru 2023 jiġi organizzat in-Natale Sul Colle. Proponiet ukoll u l-membri qablu li jinġabru stejjem għat-tiżjin taż-

Żebbuġ u Marsalforn. Qablu li jiżżejjen ukoll l-playing field tal-Virtut u s-soft area ta' Triq il-Qbajjar u Triq Għar Qawqla.

79.5.2 Rigward il-ħarġa għal anzjani, s-Sindku proponiet u l-membri qablu li ssir coffee morning u tombla.

79.5.3 Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li jinxtara rigal żgħir lil Patri Martin Cilia bħala s-Superjur ġdid ta' Dar Stella Maris u nitolbuh laqgħa.

**79.6 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti**

79.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettiet għal attenzjoni tal-membri korrispondenza mibgħuta mill-ħaddiema klerikali u s-Seg. Eżekuttiv tal-Kunsill fejn talbu għall-approvazzjoni ta' akkumulazzjoni ta' *vacation leave* għas-sena 2024. Ġie approvat illi s-Seg. Eżekuttiv O. Camilleri takkumula 103 siegħa, l-Asst. Prinċipal L. Borg takkumula 117 siegħa, l-Asst. Prinċipal J. Sultana takkumula 45 siegħa, l-iskrivana R. Attard takkumula 48 siegħa u l-iskrivana F. Cefai takkumula 42.75 siegħa.

79.6.2 Emejl mingħand TM fejn ħareġ il-permess sabiex jitneħħa parti mid-double yellow line fi Triq Frank Debono kantuniera ma Triq ir-Rabat.

79.6.3 Proposta minn TM sabiex isir double yellow line fit-tarf nett ta' Triq Barda bil-ħinijiet tal-parkeġġ sabiex ikun jista' jdawwar ta' l-ischammel. Il-membri ma qablux ma dan sabiex ma jonqosx il-permess.

79.6.4 Permess minn TM sabiex jeħlu 30km/h speed limit tul Triq Santa Marija.

79.6.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva €2,500 sponsor mingħand il-Cultural Events fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għal Jum iż-Żebbuġ 2023.

79.6.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li TM ħarġet permess għal personalized bay quddiem Salone, Triq Santa Marija, Marsalforn.

79.6.7 Talba mingħand A. Cini sabiex quddiem 61, Triq Madonna taċ-Ċiċċri jsir 1m double yellow line mal-ġnub tal-garaxx. Il-membri qablu.

79.6.8 Email mir-Reġjun Għawdex għal STEM community Funds 2023 - espressjoni ta' interess li huma workshops iffukati fuq xjenza ambjentali. Il-membri ma wrewx interess.

79.6.9 Korrispondenza fejn il-Kunsill ġie nnominat għal Gozo Environment Awards 2023 fejn ser issir attivita' f'Villa Fiorita fil-5 ta' Ottubru 2023. Il-membri qablu li jattendu.

79.6.10 Talba mingħand L. Zahra sabiex wara li jgħaddi d-drenaġġ mill-bankina quddiem il-proprjeta' tiegħu fi Pjazza l-Assunta jsir il-madum. Il-membri qablu li din issir.

79.6.11 Talba mill-Baron Groups sabiex jeħel dog litter bin fejn Hillock Residences fi Triq Qolla s-Safra u jibdew jieħdu ħsieb it-tbattil tiegħu huma. Il-membri qablu.

79.6.12 Talba mingħand resident sabiex teħel mera u tinżebaħ SLOW fi Triq il-Qbajjar quddiem ta' Dirjanu. Talab ukoll sabiex Triq il-Qbajjar tibqa' *one way* is-sena kollha. Il-Kunsillier Daniel Cordina ma qabilx li tibqa' one way. Il-membri qablu li teħel tabella 'SLOW'.

79.6.13 Talba mingħand J Camilleri sabiex il-Kunsill jopponi għal żvilupp fi Pjazza San Pawl. Il-membri tal-Kunsill iddikjaraw li bħal dejjem javdaw f'idejn l-Awtoritajiet kompetenti.

79.6.14 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li waslet korrispondenza sabiex jinxtegħlu binjiet għal International Dyslexia Day. Il-membri qablu li minflok jinxtegħlu l-binjiet roża jiġifieri ċ-ċentru, il-każin tal-Banda u l-Breakwater f'Marsalforn għal Pink October.

79.6.15 Talba mingħand M. Cini fi Pjazza l-Assunta sabiex teħel tabella tal-klieb u jitneħħa l-bin minn quddiem tagħha. Il-membri qablu

79.6.16 Proposta minn G. Camilleri sabiex jitwaħħlu *crash barriers* fejn il-ġebla tal-munġitar fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li ssir talba lil TM.

79.6.17 Talba sabiex isiru double yellow lines mal-ġnub ta' garage mad-dar 'Salvatore' Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu.

79.6.18 Talba mingħand F. Saliba sabiex tinbidel l-ispuction tad-drenaġġ tar-rampa tiegħu għax tkissret quddiem id-dar 'Warda Mistika', Triq il-Ponta. Il-membri qablu.

79.6.19 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li t-talba għal parkeġġ riservat ta' M. Galea fi Triq il-Ponta ma ġitx milqugħa minn TM peress li għandu garaxx.

79.6.20 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-perit ssottometta pjanta tal-proposta taż-żebra crossing ġdida fi Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmathom li ġiet approvata u tali se tiġi miżbugħa la jkun komplut il-proġett tal-bollards.

79.6.21 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li TM approvaw it-talba ta' M. Vella għal 1.5m keep clear line quddiem l-entratura tad-dar tagħha.

79.6.22 ~~Talba mingħand M. Mompaloe sabiex titneħħa l-kaxxa un/loading fi Triq~~ Daħlet l-Għerejjex u minflok jinżebgħu double yellow lines. Il-membri qablu li għandha ssir verifikazzjoni ma TM jekk din hiex bil-permess.

79.6.23 Korrispondenza mingħand Żebbuġ Rovers FC fejn infurmaw lil Kunsill li x-xogħol ta' tindif madwar il-lokalita' ser jibda' jsir minn J. Cefai flok F. Cassar. Il-membri nnotaw il-kontenut.

79.6.24 Talba mingħand resident fi Triq ix-Xagħra fejn talab li fuq il-bankini hemm ħafna toqob tad-drenaġġ mogħttija bl-injam u perikolużi. Il-membri qablu li għandhom jiġu avviċinati s-sidien.

79.6.25 Ilment mingħand resident li c-Charging Pillar li hemm fi Triq Santa Marija qed tagħmel ħafna ħsejjes.

79.6.26 Korrispondenza rigward l-għoti ta' Influenza Vaccine fil-lokalita'. Il-membri qablu li din tingħata u għalhekk għandu joħroġ avviż għal dawk interessati.

79.6.27 Talba mingħand resident sabiex jinbena ħajt tas-sejjiegħ fi Triq is-Sagħtrija. Il-membri qablu.

79.6.28 Talba mingħand s-Sur Pace sabiex issir bankina quddiem Diego Court, Triq Dun Karm Cachia. Il-membri qablu li għandu jiġi vverifikat x'hemm bżonn isir.

79.6.29 Ilment rigward l-għalqa miftuħa fi Triq Ulisse li hi mimlija żibel. Il-membri qablu li għandu jsir rapport mal-Pulizija biex jivverifikaw min huma s-sidien sabiex tingħalaq l-għalqa kif suppost.

**79.7** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 50/2023 għall-perjodu ta' Settembru 2023 li tammonta għal €73,313,15 ġiet diskussa bejn il-membri. Il-Kunsillier Daniel Cordina iddikjara li hu mhux qed japprova il-kontijiet imniżżla bin-numru 31, 43 u 44 peress li hu ma jaqbilx ma l-ammont mitlub. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 19 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan wara li l-Kunsillier Nicky Saliba rċieva direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ma japprovax dan il-kont biss mill-iskeda ta' pagamenti. Il-Kunsillier Baskal Saliba mhux qed japprova l-kont mibgħut minnu ~~bin-numru 51 minħabba kunflitt ta' nteress~~

**79.9** Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-3.10 ta' wara nofsinhar. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar it-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2023 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv